MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 5/2003

**Jesmond u Beatrice konjugi Sacco**

**vs**

**Concetta u Dennis konjugi Charles**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000.00,0) rifuzjoni ta' somma mhallsa lilhom ghall-proceduri ta' adozzjoni skond ftehim datat 8 ta' Frar tas-sena 2001 (Dok. JS1), u liema ftehim skada u tilef l-effetti kollha tieghu.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata f'Novembru tas-sena 2002, u bl-imghax mid-data li skada l-ftehim (8 ta' Frar tas-sena 2002).**

**Il-konvenuti huma minn issa ngunti in subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-4 ta' Frar tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------